32003D0507

17.7.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 179/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-13 ta' Ġunju 2003
## dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tinġis ta' l-Arja Transkonfinali fit-Tul biex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Etrofikazzjoni u l-Ożonu ta' ma' Wiċċ l-Art

(2003/507/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 175 paragrafu 1, flimkien ma' l-Artikolu 300 paragrafu 2, l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu u l-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) L-Aċidifikazzjoni, l-etrofikazzjoni u l-ożonu ta' wiċċ l-art jikkawżaw ħsara inaċċetabbli lill-ambjent u s-saħħa umana fil-Komunità.

(2) Fit-30 ta' Novembru 1999 il-Korp Esekuttiv għall-Konvenzjoni dwar it-Tinġis ta' l-Arja Transkonfinali fit-Tul biex Tonqos l-Aċidifikazzjoni, l-Etrofikazzjoni u l-Ożonu ta' Wiċċ l-Art (il-Protokoll ta' Gothenburg) il-Protokoll ta' Gothenburg stabbilixxa livelli massimi permessibbli ta' emissjonijiet (livelli ta' emissjoni) għal kull Parti nazzjonali għall-erba' pollutanti prinċipali responsabbli għall-aċidifikazzjoni, l-etrofikazzjoni u l-Ozonu ta' Wiċċ l-Art: il-limiti dwar id-diosside tal-kubrit, l-ossidi tan- nitroġenu, il-kompost volatili organiku u l-ammonja għandhom jintlaħqu sa l-2010.

(3) L-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Gothenburg tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità għall-protezzjoni ta' l-ambjent u s-saħħa umana.

(4) Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar limiti ta' emissjonijiet nazzjonali għal ċerti *pollutants* atmosferiċi ([3]) tistabbilixxi limiti nazzjonali ta' emissjonjiet li jorbtu, li jridu jintlaħqu sa l-2010 l-aktar tard, li huma ugwali għal jew aktar ambizzjuzi minn dawk meħtieġa mill-Protokoll ta' Gothenburg għal kull Stat Membru.

(5) Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 fuq il-limitazzjoni ta' emissjonijiiet ta' ċerti *pollutants* fl-arja minn impjanti kbar ta' kombustjoni ([4]) waqqfet valuri ta' limiti ġodda għal dan is-settur, li huma konsistenti ma' dawk stabbiliti taħt il-Protokoll ta' Gothenburg.

(6) Il-Komunità, għaldaqstant, għandha taderixxi għall-Protokoll ta' Gothenburg,

IDDEĊIDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-adeżjoni tal-Komunità għall-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tinġis ta' l-Arja fit-Tul Transkonfinali biex Tonqos l-Aċidifikazzjoni, l-Etrofikazzjoni u l-Ożonu ta' Wiċċ l-Art b' dan hu approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Protokoll hu kkontenut fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU C 151 E, 25.06.02, p. 74.
([2]) L-Opinjoni ta' l-4 ta' Lulju 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 309, 27.11.01, p. 22.
([4]) ĠU L 309, 27.11.01, p. 1.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill b' dan hu mogħti s-setgħa jinnomina l-persuna(i) biex tiddeposita l-istrument ta' adeżjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skond l-Artikolu 16 tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Ġunju 2003.

*F'isem il-Kunsill*

G. PAPANDREOU

*Il-President*